# GĦANJA LIL SAN PAWL IL-BAĦAR

*Ta' P. F. SAMMUT, O.F.M. Conv.*

*Liżl-Professur Ġużè Galea*
*li jħobb lil San Pawl il-Baħar.*

Lil dal-Port u l-art madwaru
Li semmew wara San Pawl
Għax fi ħdanhom Alla għoġbu
Lill-Maltin jibgħat id-Dawl
Ngħannu għanja ferriħija
Għax hawnhekk dehret id-Dija.

Art imbierka, art sabiħa,
B'ħafna għoljiet, widien, witat,
Baħar kbir b'kulur ferrieħi,
Plajja twila kollha blat.
'L hawn u 'l hinn xi ftit ramliet
Misturin ġewwa daħliet.

Blat wisq għoli, blat imkisser
Dawn jissejħu rdumijiet,
Blatiet baxxi f'nofs il-baħar
Dawn jissejħu skollijiet.
Blat ta' lewn sabiħ, bajdani
F'kemm il-post jinsab kotrani.

Ħafna siġar iżejnulek
Il-għoljiet u r-raba' tiegħek
Dak il-baħar kemm hu sbejjaħ
Sajf u xitwa mbewwes miegħek
U kemm vilel, djar u knejjes
Fik inbnew il-bogħod mill-ħsejjes.

Għax kemm Malti u kemm barrani
Fik ifittxu l-hena tagħhom
Għalhekk tant lilek iżuru
L' int mank għandek fejn tilqagħhom.
Bi sbuħitek dawk jissaħħru
U mal-ħbieb lilek ifaħħru.

Saħansitra Dak li kiteb
Dwar l-għemejjel tar-Rażul
Li biex fostna d-Dawl ta' Kristu
Dlonk iwassal ġie magħżul
        Lilek semma 'l niesek faħħar,
        Bi tjubithom Huwa ssaħħar.

U ta' dawk il-ġrajjiet sbieħ
Fik ġinsabu tifkiriet
Qiem daqs l-aqwa monumenti
Illi jżejnu l-akbar bliet.
        Minn daw' l-ġrajja ismek ħadt,
        Bihom ftaħar ma' kullħadd.

Dik l-istatwa tal-kbir Pawlu
Li mill-bogħod naraw bin-nhar,
Lilek tħares, lilek twennes
Bħalli kieku l-ifrem swar.
        Kemm nixtieq naralek Dija
        Fuqek nieżla mill-Wardija.